MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 966/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Jean Pierre Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Ottubru, tas-sena 2006 in forza ta` liema gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm317.40c, rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut minnu in konnessjoni ma` client contract number 2536 ghar-rigward ta` servizzi lilu rezi ghax-xhur ta` Ottubru, 2005 sa Mejju, 2006, bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Settembru, 2006 u ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-att.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta formali ghal kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat illi l-kawza kienet giet differita ghal provi kollha tal-partijiet ghas-seduta ta` nhar is-6 ta` Marzu, 2008.

Sema` x-xhieda ta` P.L. Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat illi l-konvenut baqa` ma deherx lanqas fis-seduta tas-6 ta` Marzu, 2008 u kwindi ma ngabu ebda provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €739.34c (Euros) gia` Lm317.40c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-ittra ufficcjali tas-27 ta` Settembru, 2006 u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------